Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru 409/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J. FENECH**
**VS**
**SADIK MAHAMAD HAMAD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Sadik Mahamad Hamad ta’ 37 sena, bin Hamad u Nadifa nee’ Mohammed, mwieled id- Darfur fl- 1 ta’ Jannar 1975, residenti 178, Polly, Triq Villambrosa, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 70011A;

Talli f’ dawn il- Gzejjer fil- lejl ta’ bejn is- 6 u s- 7 ta’ Ottubru 2012;

1) kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehuda mill- pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza u dan bi ksur tal- Artikolu 8(a) tal- Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu personali tieghu;

2) ukoll talli fix- xahar ta' Ottubru u s- sitt xhur ta' qabel f' dawn il- Gzejjer kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehuda mill- pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza u dan bi ksur tal- Artikolu 8(a) tal- Kap 101 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza titmexxa sommarjament mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 8(a) tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija u hames mitt ewro (€500) multa.
Tordna distruzzjoni tad- droga ezebita.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------